MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2006

Numru. 465/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
OMAR MALLIA
ALYSIA BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omar Mallia, ta' 29 sena, bin Louis u Alfrida nee' Borg, imwieled Pieta' fid-9 ta' Dicembru 1976, u residenti fi 22, Flat 3, Triq il-Foss, Birgu, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 65377(M), kif ukoll Alysia Borg, ta' 27 sena, bint John Micallef u Maria Mercedes nee' Bonnici, imwielda Pieta' fl-20 ta' Settembru 1978, u residenti f'Entratura K, Flat 4, Triq Patri Gwann Azzopardi, Binja Binarju, Santa Venera, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 448778(M), u akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Gunju u Lulju 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh li jeccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' Joseph Leone Ganado.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, approprijaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, ammont ta' flus li jeccedi l-hames mitt Lira Maltin (Lm500), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Joseph Leone Ganado, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat.

Lil Omar Mallia wahdu talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artiklu 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, datati 24 t'April 2001, 18 t'Ottubru 2001 u 26 ta' Frar 2004, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Kif ukoll talli b'hekk Omar Mallia kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, b'sentenza taghha ta' nhar is-17 t'Ottubru 2002, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 16) u tal-imputati (a fol 21) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 17).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputati sabiex jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha, din il-Qorti ssib lill-imputata Alysia Borg hatja tat-tieni akkuza u tilliberaha mill-ewwel akkuza stante li hija alternattiva ghat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artiklu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artiklu 7 tal-Kap 446, tqieghed lil **Alysia Borg taht 'probation order' ghal sena,** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew 'probation officer' iehor minnu nominat.

Il-piena fil-konfront ta' Alysia Borg qed tinghata in vista tal-fatt li hija 'a first offender' u l-fatt li hija ma ppartecipatx bl-ebda mod fl-infiq u tberbiq ta' flus akkwistati permezz ta' dan ir-reat.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------